MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2009

Numru. 792/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO' GAFA**

**KONTRA**

**PHILIP SULTANA, ta' 31 sena, iben Joseph u Jane nee' Vella, imwieled Tal-Pieta' nhar it-30 ta' April, 1977, residenti fil-fond Gracehouse, St Thomas Street, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 238877M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmi **PHILIP SULTANA**, li gie akkuzat talli:

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn oggetti li l-ammont taghhom mhux aktar minn Lm300.00, liema oggetti kienu jappartjenu lis-socjeta' ST Thomas Supermarket, li huwa ta' certu

Claudio Cassar, u persuni ohra u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amminstrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta' l-oggetti jew li jsir uzu minnhom specifikat, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom xorb u ikel, li l-valur taghhom huwa ta' mhux iktar minn Lm300.00 u dan ghad-detriment ta' Claudio Cassar, St Thomas Supermarket, u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur u l-persuna, u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U kif ukoll talli fl-istess zmien, u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, akkwistati b'reat, sew jekk dan sar Malta u sew jekk sar barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li Philip Sultana wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, kif ukoll li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji a folio 51.

Rat ukoll li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji a folio 20;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi primarjament xehed sid is-sit suggett ta' dawn ir-reati in dezamina u cioe' certu Claudio Cassar. Jghid li kien Philip Sultana li serqu mis-supermarket tieghu, pero ammetta ukoll li dan kollu huwa ma rahx isir. Li kien kapaci bhala valur probatorju jghid illi l-ammont lilu misruq kien ta' circa Lm90,000(anzi, kwazi), dan b'serq ta' alcohol. Dwar dan Philip Sultana jghid illi kien ilu mpjegat mieghu tminn snin u li xogholu kien jipprezza u jgorr il-kaxxi (folio 39).

Tkellem dwar lavranti li raw jew kienu xhieda ta’ l-allegat serq a mano ta’ l-imputat.

Martin Cilia la Corte li l-kawza tieghu ghaddiet in gudikat, xehed illi hu kien xtara xorb minghand Philip Sultana, whisky u Bacardi. Jghid li fis-snin 2000 - 2001, xi haga hekk (folio 22). Jghid li xtara tmienja u erbghin flixkun. B’kollox xehed li nefaq Lm130.00 jew Lm150.00.

Jghid li Philip Sultana kien avvicinah u staqsieh jekk riedx jixtri xi xorb. Ftehmu li jsir hekk meta jitlaq l-imghallem ta’ Sultana, certu Claudio Cassar. Qal li Sultana qallu li kien ser johroglu x-xorb fil-kaxxi. Qal li kien jaf illi Sultana kien jahdem gos-supermarket St Thomas Supermarket, Marsascala. Qal li Sultana kien jitfaghlu x-xorb fuq wara u li hu – ix-xhud, kien imur, jghaddi ghalihom u jigborhom minn hemm. Dan il-fatt gara hames jew sitt darbiet. Insista li minghand Sultana xtara biss b’dan il-mod tmienja u erbghin flixkun xorb, u li nefaq Lm150.00. Dwar il-hlas xehed li kien imur il-hanut jew jarah l-ghada u jhallas lil Sultana.

In kontro ezami spjega li Philip Sultana ‘Kien johroghomli (il-kaxxi tax-xorb) fuq wara tal-hanut, kellu garaxx jinfed ghal barra u jpoggiehomli naqra ‘ l boghod, kemm jitlaq il-kaxxa hemm u jien kont immur nghabbiehom.’ (folio 29). Dan kien jigri x’hin Claudio Cassar kien jaghlaq biex imur bil-haxix. Qal li stante li kien joqghod bieb ma’ bieb kien ikun jaf x’hin kien jitlaq Claudio Cassar ix-xhud.

Giovanni Cassar hu l-istess Claudio Cassar, ukoll joqghod vicin il-back entrance tas-supermarket ta’ huh. Xehed illi ra lill-akkuzat jiehu l-affarijiet minn go l-istore, iqieghdhom barra, ikun hemm karozza tistenna, u dawn l-oggetti jitqieghdu fil-karozza. Jghid li dan rah jigri ghal darbtejn.

Xehed li hu ghall-habta tat-tmienja, it-tmienja u nofs ta’ fil-ghodu, kien id-dar u habbattlu xi hadd, u avzah li persuna tahdem ma’ huh kien qieghed jiehu l-affarijiet u jpoggiehom gol-karozza. Jaf li l-karozza kienet Peugeot, silver. Ra ragel attaparsi wieqaf b’karozza ma tistartjax, wiehed b’ismu Martin, li jghix ukoll vicin is-supermarket.

Ra lill-persuna li identifika bhala l-akkuzat, ipoggi l-kaxxi barra u l-iehor ipoggiehom fil-karozza (folio 55). Fiz-zewg okkazjonijiet xehed li darba biss ra lill-akkuzat iqieghed xi kaxex, pero fiz-zewg istanzi ra lil Martin iqieghdhom gol-karozza. Kien anke cert illi l-kaxxi in kwistjoni kienu mimlija pero ma kienx jaf il-kontenut taghhom.

Minn naha tieghu Marco Borg xehed illi fis-sena 2002, kien jahdem ma' Claudio Cassar gos-supermarket St Thomas Self Service. Dan xehed li gieli kien hemm okkazjonijiet fejn Martin Cilia La Corte gieli halla xi affarijiet fuq l-ixkaffi u Philip kien jigborhom. (folio 67). Dan rah jigri qisu tliet darbiet. Xehed ukoll dwar okkazjoni meta hu kien mac-cheese counter, Martin mar jixtri s-salami, u Philip lix-xhud kien qallu biex izommlu inqas u johodhom minn fuq haddiehor.

Grace Stivala ukoll kienet tahdem fis-St Thomas Supermarket fis-sena 2002. Ftakret li f'
zewg okkazjonijiet gie persuna, ghamlet sinjal b'halqha lil Philip Sultana, bhal speci saffret, telqet xi haga fuq l-ixkaffa u Philip mar jigri jigborha u jdahhalha fil-but.

Brian Farrugia ghan-nom tad-Direttorat tal-Licenzja xehed li Martin Cilia La Corte kellu fuq ismu vettura Peugeot 306 ta' kulur silver.

Rat ukoll is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija(Spettur Helga Debono) vs Martin Cilia La Corte, datata 13 ta' Settembru, 2003 (Magistrat Dr Saviour Demicoli), fejn l-istess Cilia La Corte fuq ammissjoni tieghu stess instab hati ta' r-reat ta' ricettazzjoni (folio 84 – 85).

Rat ukoll is-seizure note ezebita minn PC 290 John Formosa, ta' l-oggetti elevati minghand Martin Cilia La Corte, DOK PF a folio 155 – 159. Wiehed ghandu jinnota hawn li barra it-tip ta' xorb imsemmi mill-imsemmi xhud hemm diversi tipi ohra kif ukoll kaxxi tal-corned beef u ta' l-air freshener spray. Dan gie u zgur jikkombaca ma' dak li xehed l-istess Cilia La Corte.

Xehed ukoll Dr Adrian Delia LL.D, li ezebixxa sensiela ta' dokumenti prezentati minn Public Accountants u awdituri, li juru d-diskrepanzi li sofriet id-ditta Cassar and Schembri Ltd (fl-operazzjoni tas-Supermarket St Thomas Discount Store in parte) DOK AD1 u DOK AD2 (folio 94 – 145). Fuq dan xehed ukoll Emmanuel Farrugia awditur tas-socjeta' DMK li kkonferma d-dokumenti gia' ezebiti minn Dr Arian Delia bhala audited accounts, dan fil-konfront ta' St Thomas Supermarket. Tkellem fuq id-diskrepanzi li kienu jirrizultaw fl-istocks bejn 1998, 1999, u 2000. Tkellem dwar diskrepanzi ta' circa, tmintax, dsatax, ghoxrin elf fl-istocks. Spjega li dawn id-diskrepanzi setghu rrizultaw minn serq fl-istocks, jew minn nuqqas ta' hlas mal-cash points, dan a differenza ta' serq semplici ta' paketti, dan pero bhala serq hu persentagg zghir. Qal dan ix-xhud li fis-snin 1998, 1999, u 2000 bdew jindunaw li kien qieghed ikun hemm diskrepanzi fl-istock tal-kumpanija, dan anke sas-snin 2002. Jghid li sas-sena 2001 dawn id-diskrepanzi gew kwantifikati ghas-somma ta' Lm21,000.00.

Minn naha tieghu l-akkuzat ghazel li jixhed quddiem dini l-Qorti kif ukoll kien irrilaxxa stqarrija fl-istadju ta' l-investigazzjoni. F'din qal illi kien vera li lil Martin Cilia La Corte kien jafu biss minn wiccu u li ghalkemm qatt ma kellmu jew qatt ma kellu x'jaqsam mieghu ma kienx jaf ghalfejn kien qieghed iwahhal fih. Ammetta li f'okkazjoni wahda nqabad jisraq, dan gara ghaliex kien habat bil-vettura tieghu u ma kellux minn fejn ihallas. Qal li pero kien l-istess Claudio Cassar illi rega' talbu imur jahdem mieghu.

Viva voce zejjen hafna din il-verzjoni u zied ferm fuqha. Jghid li ma jafx ghalfejn darba minnhom kien tefa' xi flixkun gol-kaxxa tal-kartun. Ammetta ma' Claudio Cassar li kien ser johodhom. Qal li dan ghaliex kien ghadu kif jixtri karozza gdida u ma kellux flus ghall-pagamenti. Claudio Cassar talbu biex jitlaq mill-post tax-xoghol. Jghid li talbu skuza ghal diversi drabi. Kien anke jcempillu ghall-ktieb tax-xoghol pero kien jaqtaghlu. Wara gimgha Cassar talbu imur il-hanut u talbu biex jerga' jidhol jahdem mieghu.

Jghid li qatt ma kellu problemi ohrajn fuq il-post tax-xoghol.

Darba minnhom pero wara li ghaddew seba’ snin mill-incident, l-imghallem Cassar ma persuna ohra, talbuh jitla’ l-ufficju – hekk ghamel. Talbuh jikkopera maghhom stante li kienu jafu affarijiet dwaru. Jghid li qallhom li ma kienx jaf ghalxiex kienu qeghdin jirreferu. Qal li Cassar anke beda jipprova jaqbad jaghtieh. Qalulu li jekk mhux ser jikkopera maghhom kienu ser idahhlu l-pulizija fin-nofs. Gie arrestat fuq il-post.

Qal illi hu fuq ix-xoghol ma kienx ikun wahdu. Anzi jghid illi fis-7.00am kienu johorgu l-kaxxi bil-haxix hazin biex jigborhom taz-zibel. Kienu anke johorgu kaxxi ohra bhala ‘deliveries’ tax-xirjiet, sahansitra kienu jpoggu xirjiet fil-vettura.

Baqa’ nsistenti li hu qatt ma dahhal xi kaxxi fil-karozza ta’ La Corte u li kien jafu biss bhala klijent.

Tkellem dwar ammont ta’ nies li kien jaf hu li kienu jahdmu gos-supermarket li kienu jisirqu minn hemm u b’dan kien jghid lil Cassar, semma lill-persuna Jane li kienet tahdem fuq il-cash register.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax ma tikkomentax dwar il-fatt li Philip Sultana, darba li ghazel li jixhed, issa li sema’ x-xhieda tal-pulizija fil-konfront tieghu, kien aktar elokwenti milli qatt kien fl-istqarrija rilaxxata a tempo vergine ta’ din l-investigazzjoni. Ghalkemm kien u baqa’ neganti tas-serq, frankament din il-Qorti ftit issibu veritjier, fl-ewwel lok minhabba z-zidiet gratis li ghogbu jzeffen viva voce, anke li Claudio Cassar issa ried isawtu per ezempju u fit-tieni lok minhabba x-xhieda inkonfondibbli li titfa’ htija fuqu ta’ Cilia La Corte u kull min rah partecipanti fis-serq in kwistjoni.

Issa din il-Qorti hawn tkellmet fuq ir-reat ta’ serq, dan ghaliex f’dan il-kaz in dezamina ma thossx li hemm ir-

rekwiziti biex jigi kostitwit ir-reat dedott fl-ewwel akkuza ta' misappropprijazzjoni indebita.

l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitikellem dwar kull minn jappropprja ruhu, billi jdawwar bi profit ghalih, haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Issa huwa vera li quo impjegat tas-socjeta', l-imputat kien igawdi element ta' fiducja mid-direttur ta' l-impjieg tieghu, element dak ta' fiducja kardinali ghar-reat in dezamina. Pero s-socjeta' impjegatrici la fdat fis-sens ristrett personali tal-kelma lanqas ikkonsenjat fl-istess sens restrittiv xi haga lil Sultana. Hu kien fdat b'mod ghal kollox generali bhal kull impjegat iehor tas-socjeta' li jippostja fuq xkafef merce tas-socjeta'. Ma kellu ebda obbligu tar-radd taghha u lanqas li jaghmel xi uzu specifiku minnha. L-uniku obbligu li kellu hu li jqieghed il-merca fuq xkaffa u jipprezzaha, dak li zgur li ma kellux ta' l-ispostament ta' l-istess merca bl-ghan li jbieghha u jdawwar ghalih il-profit tal-bejgh dejjem bla kunsens tas-sid. Ghaldaqstant din il-Qorti, fl-ispirtu ta' l-interpretazzjoni restrittiv fil-Kamp Kriminali qieghda tillibera lil Philip Sultana mir-reat prospettat taht l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mala, pero ssib htija taht dak ta' serq wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268 tal-Kapitolu 9, u ghalhekk issib htija taht it-tieni akkuza. Tilliberah mit-tielet akkuza in kwantu din hija wahda alternattiva.

Dwar il-piena, u hawn il-Qorti trid bil-fors tidhol fil-mertu tal-aggravju tal-valur. Sid il-fond – Claudio Cassar, tkellem dwar telf ta' Lm90,000.00. Minn naha tieghu Cilia La Corte tkellem, anzi ammetta bejgh ta' xorb minghand l-imputat ghall-ammont ta' Lm150.00, id-differenza bejn l-ammonti dikjarati hija wahda fenomenali. Certament mix-xhieda ta' l-awditur Emmanuel Farrugia u d-dokumenti minnu u minn Dr Adrian Delia ezebiti, jirrizulta li s-socjeta' tilfet f'kors ta' snin eluf kbar ta' flus. Pero qatt ma gie ppruvat sal-grad li trid il-Ligi, li l-agent ta' dan it-telf kien l-imputat Sultana. Lanqas pero ma thoss il-Qorti li kien kompletament veritjier Cilia La Corte bil-prezz minnu dikjarat tax-xorb li

suppost allura xtara minghand Sultana, anke jekk il-Qorti temmnu li xtara biss tmienja u erbghin flixkun xorb alkoholiku. Dan apparti ghall-prezz qieghed jinghad anke minhabba l-kontenut tas-seizure note aktar 'il fuq imsemmija, li hija ferm aktar esorbitanti fid-deskrizzjoni tal-merca misjuba ghad-differenza tal-verita' konservattiva li offra Cilia La Corte. Pero dwar il-piena din il-Qorti anke huwn ser tkun restrittiva u ghar-ragunijiet esposti tqis li l-valur misruq kien inqas minn elf lira, prevja provi kontrarji. Rat ghalhekk ukoll l-Artikoli 279(a), 280, 20, u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat il-fedina penali ta' l-imputat, qieset id-dannu socjali u ekonomiku li tali reat jikkrea anke, fl-ambitu lavorattiv u tikkudanna lil Philip Sultana ghal sentejn(2) habs sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------